# Birkirkara u l-Madonna tal-Karmnu fis-seklu XX (It-Tielet parti)

**Winston L Zammit**

*B. AC (Hons). P.G.C.E M.A.*

Dan l-artiklu jitratta biss il-Kolleġġjata Bażilika ta' Sant'Elena u l-Għaqdiet marbuta direttament magħha.

**Pellegrinaġġ (1902)**

Fis-26 t' Ottubru 1902 sar pellegrinaġġ kbir mill-Kolleġġjata ta' Sant'Elena għas-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta. Fih ħadu sehem il-Kanonku Prepostu Dun Alfons Borg S.ThD, ħuħ il-Kanonku Dekan Dun Giovanni Battista Borg, diversi kjeriċi u s-sitt Fratellanzi tal-Parroċċa, inkluża dik tal-Madonna tal-Karmnu, b'ħafna fratelli lebsin il-Konfratija u warajhom aktar minn elf ruħ, nisa u rġiel ilkoll jgħidu r-Rużarju. Fis-Santwarju tal-Belt Valletta qaddes il-Kan. Prepost Dun Alfons Borg u wara fervorin wisq kommoventi qarbinhom ukoll. Wara l-pellegrinaġġ reġa' lura bl-istess ordni lejn B'kara fejn intemm fil-Kolleġġjata Elenjana bil-Barka Sagramentali.[1]

**It-trasferimenti tal-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu lejn il-Knisja ta' S. Alfons fil-Wied ta' B'Kara**

Fl-1896, il-knisja l-ġdida iddedikata lil San Alfons fil-wied ta' B'kara ngħatat lill-Patrijiet Karmelitani Tereżjani (O.C.D.)[2]. Il-Patrijiet Tereżjani malajr ħasbu biex iġibu mill-Parroċċa l-Konfraternità tal-Madonna li kienet tagħti lill-Ordni Tereżjan il-Liġi tal-knisja. It-trattativi bl-indħil ta' Ruma damu sejrin sal-1904.[3]

Il-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu ġiet ittrasferita fil-knisja ta' San Alfons (1904), iżda minnufih fil-Kolleġġjata Elenjana twaqqfet il-Fratellanza taħt it-titlu tal-Madonna tal-Erwieħ appoġġjata fuq il-privileġġ tal-Bolla Sabbatina.[4] Minn tagħrif li deher f'gazzetta lokali nafu li "Nhar il-Hadd 11 ta' Novembru 1906 fil-Kolleġġjata ta' Birkirkara se tiġi ssolenizzata l-kbira devozzjoni, il-festa tal-Madonna tal-Erwieħ.[5]"

L-istess gazzetta tkompli tgħidilna li għal din il-festa "sejrin jiżżanżnu tliet opri li huma verament ta' min ifaħħarhom, ċioè statwa, pedestall u bradella tal-ġewż u ebbanu bil-pjanċi tal-fidda. Dawn it-tliet opri saru a spejjeż tal-benefattur Signor Giovanni Maria Micallef." [6]

Il-Festa fil-fatt saret għall-ewwel darba l-Ħadd 11 ta' Novembru u fiha żżanżnu t-tliet opri fuq imsemmija. L-Istatwa tal-Madonna tal-Erwieħ li fiha sitt personaġġi hija xogħol ta' Karlu Darmanin u qamet £48.00.[7]

Il-Festa tal-Madonna tal-Erwieħ baqgħet issir fis-snin ta' wara, u fl-atti tan-Nutar Kalċidon Gatt tad-19 t'Awwissu 1913, Antonia Muscat għamlet il-Fundazzjoni tat-Triduum ta' din il-Festa.[8] Fis-sena ta' wara (1914), il-festa bdiet bi Triduum predikat minn Dun Pawl Zammit, Missjunarju. Il-paniġierku sar mill-Kan. Onor. Dun. Vinċenz Vella. Il-knisja kienet maħnuqa bin-nies. Il-purċissjoni bir-rużarju tmexxiet mill-Kanonku Onorarju Dun Vinċenz Cassar. Il-Prokuratur kien il-Kan. Gugliermu Grech Ellul (1868-1934).[9]

**L-Erbgħat tal-Udjenza**

Fl-1914 insibu li fil-Kolleġġjata Elenjana kienu jsiru l-prietki tas-Seba' Erbgħat tal-Udjenza.[10] Dawn jerġgħu jissemmew fl-1945, meta nsibu li fil-Kolleġġjata Elenjana, l-Erbgħat tal-Udjenza kienu jsiru wara nofsinhar bir-reċta tar-Rużarju, Prietka, Antifona, Litanija u Benedizzjoni. [11]

Avviż li deher fil-ħarġa ta' Leħen is-Sewwa t'April 1953 jgħidilna li "Nhar l-Erbgħa 8 t'April fil-Bażilika ta' Birkirkara, kwarta fuq l-Ave Maria u jkomplu l-Erbgħat ta' wara li se jibdew il-prietki fuq il-Labtu tal-Madonna tal-Karmnu, bil-Predikatur ikun Dun Alwiġ Ellul Bezzina."[12]

**L-Artal tal-Madonna tal-Karmnu**

Il-Kanonku Dun Gugliermu Grech Ellul (1968-1934) kien Prokuratur ta' dan l-artal fl-1914 u Prokuratur tal-Erwieħ[13] u jidher li baqa' f'din il-kariga sakem miet fl-1934. Bit-tħabrik tiegħu, fil-kariga tiegħu ta' prokuratur ta' dan l-artal, nhar il-Festa Titulari ta' Sant'Elena tal-1932 iżżanżan il-Ventartal tal-fidda ta' dan l-artal, xogħol artistiku tad-ditta "Angelo Ronchi" ta' Milan.[14] Wara Dun Gugliemu, insibu bħala prokuratur lill-Kanonku Dun Karm Bezzina, u warajh mill-1965, il-Kanonku Dun Ġużepp Micallef.[15] Il-festa tal-Madonna tal-Erwieħ baqgħet tiġi ċċelebrata ta' kull sena fil-Bażilika Elenjana sal-bidu tas-snin 70 tas-Seklu XX.[16]



L-Artal tal-Madonna tal-Karmnu fil-Bażilika ta' Sant Elena f'Birkirkara

**It-Terz'Ordni Karmelitan**

It-Terz'Ordni Karmelitan li kien diġà jeżisti f'Birkirkara fis-Seklu XVIII[17], baqa' jiffunzjona fis-Seklu XX. Mir-Rivista "Il-Karmelu" 1968, nafu li t-Terz'Ordni f'B'kara kien għadu attiv u li kienet issir laqgħa ta' kull xahar minbarra x-xahar ta' Awwissu, f'ġurnata tal-Erbgħa fil-5.30pm.[18] Fl-1971, il-laqgħat għat-Terzjarji Karmelitani f'Birkirkara kienu qegħdin isiru fl-Oratorju fit-Tieni Erbgħa ta' kull xahar fil-5.00pm.[19] Fl-2001, il-laqgħat kienu qed isiru fis-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba u d-Direttur u l-Assistent tal-Fergħa tat-Terzjarji Karmelitani ta' B'kara kien Patri Guido Micallef O.C.[20]

**Referenzi**


1 Devot ta' Marija Nov 1902, p.189
2 A. Gullaimier, Bliet u Rħula Maltin, (1972), p.28
3 Il-Messaġġier Tereżjan Vol XIX, Awwissu-Diċembru 1975 Nru 2
4 Il-Karmelu 1914 pg 65
5 Malta Tagħna 10-XI-1906
6 IBID
7 IBID 17-XI-1906
8 Atti Notarili Calcedonio Gatt 19-VIII-1913
9 Malta Tagħna 21-XI-1914 pg2
10 Il-Karmelu 1914 pg 65
11 Ibid, Mejju 1945
12 Leħen is-Sewwa 4-IV-1953
13 Malta Tagħna 21-XI-1914 pg2 Arkivju Kurja Arċiveskovili – Manuskritt Sacerdotuum Omium Qui Dei Majori Gluriae Animarumquf Saluti ed Mauro Caruana OSB in Dioceso Melitensi Dant Operam Ep Mauro Caruana OSB
14 Leħen is-Sewwa, 13-VIII-1932
15 Tagħrif fil-Pusses tal-awtur
16 IBID
17 Dan joħroġ mill-fat li filwaqt li kienet qed tinbena l-knisja kolleġġjata l-ġdida ddedikata lil Sant'Elena fis-seklu XVIII, it-Terzjarji Karmelitani għamlu talba biex jingħataw kappella fil-Knisja l-ġdida (Ara Arkivju Kurja Arċiveskovili, Suppliche 1741-1761 Vol1 f129
18 Il-Karmelu Jan 1968 p7, Diċembru 1968 p207
19 IBID Marzu 1971 p58
20 Direttorju Provinċja Sant'Elija Malta 2001 p11


Kull min għandu xi ritratti antiki li jixtieq li nippubblikawhom fil-programmi tal-festa tas-snin li ġejjin għandu jagħmel kuntatt magħna b'e-mail fuq

vtkmalta@gmail.com